



## **Fond ta' Appoġġ għas-Solvenza tal-Impriżi Strateġiċi Spanjoli li għandhom diffikultajiet temporanji minħabba l-pandemija tal-Covid-19 huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni**

*Il-miżura inkwistjoni, intiża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni u li għandha baġit ta' EUR 10 biljuni, tikkostitwixxi skema ta' għajjuna mill-Istat li però hija proporzjonata u mhux diskriminatorja*

F'Lulju 2020, Spanja kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea skema ta' għajjuna intiża għall-foqien tal-Fond ta' Appoġġ għas-Solvenza tal-Impriżi Strateġiċi Spanjoli li għandhom diffikultajiet temporanji minħabba l-pandemija tal-Covid-19. L-imsemmi Fond ta' Appoġġ huwa awtorizzat jadotta diversi miżuri ta' rikapitalizzazzjoni favur impriżi mhux finanzjarji stabbiliti u li għandhom il-postijiet prinċipali tan-negozju tagħhom fi Spanja u li jitqiesu li huma sistemiċi jew strateġiċi għall-ekonomija Spanjola<sup>1</sup>. Il-baġit tal-imsemmija skema ta' għajjuna, iffinanzjata mill-baġit tal-Istat, ġie ffissat għal EUR 10 biljuni sat-30 ta' Ġunju 2021.

Peress li qieset li l-iskema kkomunikata kienet tikkostitwixxi għajjuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni evalwatha fid-dawl tal-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2020, intitolata "Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajjuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19"<sup>2</sup>. Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni ddikjarat l-iskema kkomunikata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) TFUE<sup>3</sup>. Skont din id-dispożizzjoni, l-għajjuna intiża li tirrimedja disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

Il-kumpannija tal-ajru Ryanair ippreżentat rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li madankollu qed jiġi miċħud mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, hija teżamina l-kompatibbiltà mas-suq intern tal-iskema ta' għajjuna mill-Istat adottata sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19 fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE<sup>4</sup>. Il-Qorti Ġenerali tispeċifika, barra minn hekk, ir-rabta bejn ir-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, stabbilit fl-

<sup>1</sup> Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskema ta' għajjuna inkwistjoni, l-impriżi msemmija għandhom, fi kwalunkwe każ, jissodisfaw il-kriterji kumulattivi ta' eliġibbiltà previsti mill-imsemmija skema u, għalhekk, għandhom juru : i) li huma qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet serji li jkomplu bin-negozju tagħhom mingħajr appoġġ pubbliku temporanju; ii) li l-waqfien sfurzat tal-operat tagħhom ikollu impatt negattiv u kbir fuq l-attività jew fuq l-impjeggi fil-livell nazzjonali jew reġjonali; iii) li l-vijabbiltà tagħhom fuq perjodu ta' żmien medju u twil tiġi żgurata permezz tal-preżentazzjoni ta' pjan ta' vijabbiltà li jindika l-mod kif huma jistgħu jegħlbu l-kriżi u b'deskrizzjoni tal-użu propost tal-għajjuna pubblika ; iv) li huma jkun stabbilixxew skeda provviżorja ta' rimbors tal-appoġġ tal-Istat mill-Fond; v) li huma ma kinux diġà jinsabu f'sitwazzjoni ta' diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019; vi) li finanzjament privat permezz tal-banek jew tas-swieq finanzjarji ma jkun disponibbli għalihom jew ikun disponibbli għalihom bi spiża li tostakola l-vijabbiltà tagħhom.

<sup>2</sup> Komunikazzjoni C/2020/1863 (ĠU 2020, C 91 I, p. 1), emendata fit-3 ta' April 2020 (ĠU 2020, C 112 I, p. 1), fit-13 ta' Mejju 2020 (ĠU 2020, C 164, p. 3) u fid-29 ta' Ġunju 2020 (ĠU 2020, C 218, p. 3).

<sup>3</sup> Deċiżjoni C(2020) 5414 finali dwar l-għajjuna mill-Istat SA.57659 (2020/N) – Spanja COVID-19 – Fond ta' rikapitalizzazzjoni.

<sup>4</sup> Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2021, Ryanair vs Il-Kummissjoni, [T-238/20](#), il-Qorti Ġenerali wettqet eżami analogu tal-legalità ta' skema ta' għajjuna mill-Istat adottata mill-Isvezja sabiex tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19 fis-suq Svediż tat-trasport bl-ajru (ara l-[CP 16/21](#)). Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' April 2021, Ryanair vs Il-Kummissjoni (Finnair I; Covid-19), [T-388/20](#), il-Qorti Ġenerali eżaminat, barra minn hekk, fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, miżura ta' għajjuna individwali adottata mill-Finlandja fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19 (ara l-[CP 53/21](#)).

ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE, kif ukoll il-kunċett ta' "skema ta' għajnuna" fis-sens tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament 2015/1589<sup>5</sup>

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

**Il-Qorti Ġenerali twettaq, fl-ewwel lok, sfharriġ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni**, billi tivverifika jekk id-differenza fit-trattament stabbilita mill-iskema ta' għajnuna inkwistjoni, sa fejn din tibbenefika biss lill-impriżi stabbiliti fi Spanja u li għandhom il-postijiet prinċipali tan-negozju tagħhom fi Spanja, hijiex iġġustifikata minn għan leġittimu u jekk hijiex neċessarja, xierqa u proporzjonata sabiex dan jintlaħaq. Il-Qorti Ġenerali teżamina wkoll l-effett tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE, li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni eżerċitata minħabba n-nazzjonalità fil-qasam ta' applikazzjoni tat-Trattati, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li huma jipprevedu. Issa, peress li l-Artikolu 107(3)(b) TFUE, huwa, skont il-Qorti Ġenerali, wieħed mid-dispożizzjonijiet speċjali previsti mit-Trattati, din tal-aħħar teżamina jekk l-iskema inkwistjoni tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward, **il-Qorti Ġenerali tikkonferma, minn naħa, li l-għan tal-iskema inkwistjoni kien jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(3)(b) TFUE, sa fejn din hija effettivament intiża li tirrimedja disturb serju tal-ekonomija Spanjola kkawżat mill-pandemija tal-Covid-19. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali żżid li l-kriterju ta' importanza strateġika u sistemika tal-benefiċjarji tal-għajnuna jirrifletti b'mod konkret l-għan tal-għajnuna inkwistjoni.**

**Il-Qorti Ġenerali tikkonstata, min-naħa l-oħra, li l-limitazzjoni tal-iskema inkwistjoni unikament għall-impriżi mhux finanzjarji li għandhom importanza sistemika jew strateġika għall-ekonomija Spanjola, stabbiliti fi Spanja u li għandhom il-postijiet prinċipali tan-negozju tagħhom fit-territorju tagħha, hija kemm xierqa kif ukoll neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi rrimedjat id-disturb serju tal-ekonomija ta' Spanja.** Skont il-Qorti Ġenerali, kemm il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-iskema, kemm il-modalitajiet ta' għoti tal-għajnuna, li jikkonsistu fid-dħul temporanju tal-Istat Spanjol fil-kapital tal-impriżi kkonċernati, kif ukoll ir-restrizzjonijiet *ex post* previsti mill-imsemmija skema fir-rigward benefiċjarji tal-għajnuna<sup>6</sup> juru r-rieda ta' Spanja li ssostni l-impriżi li jkunu verament u għal żmien twil ankrati fl-ekonomija Spanjola. **Dan l-approċċ huwa koerenti mal-għan tal-iskema intiża li tirrimedja d-disturb serju tal-ekonomija Spanjola minn perspettiva ta' żvilupp ta' din tal-aħħar fuq perijodu ta' żmien medju u fit-tul.**

Fir-rigward tan-natura proporzjonata tal-iskema ta' għajnuna, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li, **bil-previżjoni tal-modalitajiet għall-għoti tal-għajnuna ta' portata ġenerali u multi-settorjali mingħajr distinzjoni abbażi tas-settur ekonomiku kkonċernat, Spanja setgħet leġittimament tibbaża ruħha fuq kriterji ta' eliġibbiltà intiżi li jidentifikaw impriżi li jkollhom kemm importanza sistemika jew strateġika għall-ekonomija tagħha kif ukoll rabta perenni u stabbli ma' din tal-aħħar.** Fil-fatt, kriterju ta' eliġibbiltà differenti, li jinkludi impriżi li joperaw fit-territorju Spanjol bħala sempliċi fornituri ta' servizzi, ma kienx ikun jista' jiżgura n-neċessità ta' ankraġġ stabbli u fit-tul tal-benefiċjarji tal-għajnuna fl-ekonomija Spanjola, li fuqha hija bbażata l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni.

**Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li l-għan tal-iskema inkwistjoni kien jissodisfa r-rekwiżiti tad-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(b) TFUE u li l-modalitajiet għall-għoti ta' din l-għajnuna ma jeċċedux dak li huwa neċessarju għat-twettiq**

<sup>5</sup> Skont l-Artikolu 1(d) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-[TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9), skema ta' għajnuna "tfisser kull att li fuq il-bażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni oħra, jistgħu jingħataw għajnuniet individwali lill-impriżi li jkunu definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt u kull att li fuq il-bażi tiegħu għajnuna li ma tkunx konnessa ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil waħda jew ħafna impriżi għal perijodu ta' żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit".

<sup>6</sup> Dawn huma, *inter alia*, obbligi ta' trasparenza u ta' preżentazzjoni ta' rendikonti lill-awtoritajiet nazzjonali fuq l-użu tal-għajnuna inkwistjoni u l-projbizzjoni, sakemm l-għajnuna ma tkunx ġiet parzjalment jew integralment irrimborsata, tat-tehdid ta' riskji eċċessivi jew tat-twettiq ta' espansjoni kummerċjali aggressiva ffinanzjata mill-għajnuna, tat-twettiq ta' ċerti konċentrazzjonijiet jew akkwisti u tal-ħlas ta' dividendi.

ta' dan l-għan. Għalhekk, l-imsemmija skema ma tiksirx il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, jew l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE.

**Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali teżamina d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-libertà ta' stabbiliment** indikati rispettivament fl-Artikolu 56 u fl-Artikolu 58 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tapplikax bħala tali għall-qasam tat-trasport bl-ajru, li huwa suġġett għal sistema legali partikolari, li fiha jaqa' r-Regolament Nru 1008/2008<sup>7</sup>. Issa, dan ir-regolament għandu preċiżament l-għan li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni, fis-settur tat-trasport bl-ajru, tal-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi. Madankollu, **Ryanair ma kinitx, fi kwalunkwe każ, stabbilixxiet kif l-esklużjoni mill-aċċess għall-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni indikati fl-iskema imsemmija huma ta' natura li jiskoraġġixxuha milli tistabbilixxi ruħha fi Spanja jew milli tipprovdi servizzi minn jew lejn dan il-pajjiż.**

**Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv li jgħid li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tal-ibbilanċjar tal-effetti benefiċi tal-għajnuna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u fuq iż-żamma ta' kompetizzjoni mhux distorta.** F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva li tali bbilanċjar ma huwiex meħtieġ mill-Artikolu 107(3)(b) TFUE, għall-kuntrarju ta' dak indikat fl-Artikolu 107(3)(c) TFUE u li, **fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tali bbilanċjar ma huwiex neċessarju, peress li r-riżultat tiegħu huwa preżunt pożittiv.**

**Fir-raba' lok, fir-rigward tal-klassifikazzjoni allegatament żbaljata tal-miżura inkwistjoni bħala "skema ta' għajnuna",** il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Spanjol li jikkostitwixxu l-bażi legali tal-miżura inkwistjoni<sup>8</sup> huma atti ta' portata ġenerali li jirregolaw il-karatteristiċi kollha tal-għajnuna inkwistjoni. L-imsemmija dispożizzjonijiet jippermettu, fil-fatt, waħedhom, mingħajr il-ħtieġa ta' miżuri ta' implimentazzjoni addizzjonali, kemm l-għoti individwali tal-għajnuna lill-impriżi li jkun applikaw għaliha, kif ukoll l-istabbiliment, b'mod ġenerali u astratt, tal-benefiċjarji tal-għajnuna. Konsegwentement, **il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li l-Kummissjoni setgħet tikklassifika, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, l-għajnuna inkwistjoni bħala skema ta' għajnuna,** b'applikazzjoni tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament 2015/1589.

Il-Qorti Ġenerali tiċħad, fl-aħħar nett, bħala infondati l-motivi bbażati fuq allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tikkonstata li ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet proċedurali dderivati mill-Artikolu 108(2) TFUE.

---

**NOTA:** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" - ☎ (+32) 2 2964106*

---

<sup>7</sup> Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (ĠU 2008, L 293, p. 3).

<sup>8</sup> B'mod partikolari r-Real Decreto-ley 25/2020, de medidas urgentes para apoyar la reactivación económica y el empleo, tat-3 ta' Lulju (BOE Nru 185, tas-6 ta' Lulju 2020) u l-Acuerdo del Consejo de Ministros sobre el funcionamiento del Fondo de Apoyo a la Solvencia de las Empresas Estratégicas (Orden PCM/679/2020 tat-23 ta' Lulju 2020) (BOE Nru 201 tal-24 ta' Lulju 2020).